



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12829/21

FIN 775
SOC 581
GENDER 99
EMPL 428
ANTIDISCRIM 91

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12201/21	
Suġġett:	L-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Baġit tal-UE (RS Nru 10/2021 tal-QEA) - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Ottubru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 10/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar L-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Baġit tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. **JIEĦU NOTA** tar-Rapport Speċjali dwar l-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-baġit tal-UE, ippreżentat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).
2. **JISSOTTOLINJA** l-importanza li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tiġi applikata fil-baġit tal-UE, f'konformità mal-impenn minqux fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fejn "Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha timmira li telimina l-inugwaljanzi, u tippromwovi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa."
3. **IFAKKAR** fl-impnġi biex jitjeb il-monitoraġġ tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2020.¹
4. **IFAKKAR** li, fl-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Kummissjoni ddikjarat li "se tħares lejn l-impatt tas-sessi fuq l-attivitajiet tagħha u kif tkejjel in-nefqa relatata mal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell ta' programm fil-QFP għall-2021-2027. L-eżitu tal-awditu li tnieda dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-baġit tal-UE biex jippromwovi l-ugwaljanza se jikkontribwixxi għal dan il-proċess. Dan ser itejjeb l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-proċess tal-baġit tal-Kummissjoni, u jkompli jżid il-kontribuzzjoni magħmula mit-tfassil tal-politika u mill-allokazzjoni tar-riżorsi għall-oġġettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi."
5. **JAFFERMA** li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

¹ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

6. **JAFFERMA** l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li hija prerekwiżit għall-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv tal-Ewropa.
7. **JISĦAQ** li l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE tagħmel il-baġit tal-UE aktar orjentat lejn ir-riżultati u aktar effettiv.
8. **JENFASIZZA** r-rilevanza trasversali tar-Rapport Speċjali.

JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet konklużivi stabbiliti fir-Rapport Speċjali, li bihom il-Kummissjoni għandha, fil-fehma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

9. Issaħħaħ il-qafas istituzzjonali tagħha;
10. Twettaq analiżi tal-ġeneru;
11. Tiġbor u tanalizza data diżaggregata skont is-sessi;
12. Tuża objettivi u indikaturi relatati mal-ġeneru;
13. Ittejjeb ir-rapportar dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; kif ukoll
14. Tivvaluta u tirrapporta dwar jekk il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tindirizzax l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, f'kooperazzjoni mal-ISTATI MEMBRI, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, biex

15. Iżżid l-isforzi biex sistematikament tintegra perspettiva tal-ġeneru fl-istrateġiji u l-politiki futuri tal-UE, inkluż billi tiżviluppa bbaġitjar skont il-ġeneru u metodoloġija ta' monitoraġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u billi gradwalment issaħħaħ l-analiżi tal-ġeneru tal-miżuri leġiżlattivi u ta' politika rilevanti tal-UE f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, bħala għodod ewlenin għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru, filwaqt li tirrifletti wkoll dwar il-possibbiltà li jitwettqu analiżi ex-ante u ex post tal-impatt tal-ġeneru.

16. Tkompli teżamina l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni tagħhom mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u tirrapporta dwar kif dawn ikkontribwew għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
17. Issaħħaħ il-qafas istituzzjonali għall-appoġġ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE, u, għal dak il-għan, tuża r-riżorsi disponibbli biex tittrasforma l-impenn tagħha għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'azzjonijiet speċifiċi billi:
- a. Tiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika, tinnomina l-persunal responsabbli għall-appoġġ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'kull DG, u tfassal pjanijiet għall-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'kull qasam ta' politika;
 - b. Tmexxi, tikkoordina u timmonitorja l-integrazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE, inkluż billi ssaħħaħ l-analiżi tal-ġeneru tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.
 - c. Tpoġġi t-taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għad-dispożizzjoni tal-persunal kollu, inkluż taħriġ speċifiku għall-persunal baġitarju rilevanti dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE; kif ukoll
 - d. Tiżgura li d-Direttorati Ġenerali jikkondividu l-informazzjoni u l-prattiki u jagħmlu użu konsistenti mill-għodod u l-għarfien espert disponibbli meta jimplimentaw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, speċjalment l-għodod u l-għarfien espert tal-EIGE fejn rilevanti, kif ukoll l-aħjar Prattiki tal-Istati Membri.
18. Ittejjeb l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiċ-ċiklu baġitarju tal-UE, billi tadotta integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u proċedura ta' monitoraġġ, inkluż billi:
- a. Taġġorna l-linji gwida tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-impatt potenzjali sinifikattiv fil-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-proposti leġiżlattivi biex tissaħħaħ l-analiżi tal-impatti fuq il-ġeneru; kif ukoll
 - b. Twettaq analiżi tal-ġeneru tal-ħtiġijiet u tal-impatti għall-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE, u tirrapporta dwar ir-riżultati ta' dawn l-analiżi, inkluż bil-ħsieb li jiġu żviluppati miżuri xierqa.

19. Tappoġġa u tippromwovi l-produzzjoni, il-ġbir, l-analiżi, ir-rapportar u t-tixrid sistematiċi ta' data tajba u komparabbli diżaggregata skont is-sessi fir-rigward tal-programmi ta' finanzjament tal-UE fost l-oħrajn permezz tal-ħidma tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet speċjalizzati rilevanti fil-livell tal-UE, kif ukoll dik tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika, filwaqt tevita l-piżijiet amministrattivi ta' obbligi ta' rappurtar addizzjonali u sabiex issaħħaħ tfassil ta' politika bbażat fuq l-għarfien.
20. Tagħmel użu sistematiku mid-data diżaggregata skont is-sessi eżistenti, sabiex issaħħaħ tfassil ta' politika bbażat fuq l-għarfien fil-kuntest tal-programmi ta' finanzjament tal-UE.
21. Tfitteż li ttejjeb l-użu ta' objettivi, indikaturi u miżuri ta' implimentazzjoni relatati mal-ġeneru għall-monitoraġġ tal-progress, billi:
- a. Tidentifika u tuża data eżistenti rilevanti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż indikaturi li fir-rigward tagħhom hemm disponibbli data diżaggregata skont is-sessi għall-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE 2021-2027;
 - b. Tuża indikaturi tal-prestazzjoni diżaggregati skont is-sessi fil-proposti leġiżlattivi futuri rilevanti, f'konformità mal-prinċipji tat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza; kif ukoll
 - c. Tirrapporta fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) dwar il-kontribuzzjonijiet tal-programmi ta' finanzjament tal-UE lejn il-progress f'integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri abbażi ta' objettivi, indikaturi u miżuri relatati mal-ġeneru.
22. Tiżviluppa sistema robusta għat-traċċar tal-fondi allokatu u użati għall-appoġġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tirrapporta kull sena dwar ir-riżultati miksuba f'termini ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, sabiex ittejjeb l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza baġitarja, u sabiex tiżgura li tkun disponibbli informazzjoni affidabbli dwar il-fondi allokatu u użati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livell tal-programm fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.